MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2011

Numru. 813/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Paul Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Paul Grech, bin Anthony u Sylvia neé Mizzi, imwieled fil-25 ta' Novembru 1973 u residenti fil-fond Rustica, Triq Bir Rix, Kercem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 25273(G) li gie akkuzat talli nhar id-29 ta' Ottubru 2011

ghal habta ta’ 13:00hrs fl-akkwati tal-Ghadira ta’ San Rafflu limiti ta’ Kercem, Ghawdex;

1. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006), mhux skond ir-regolament u mhux skond il-kundizzjonijiet ta’ kull licenzja moghtija tahthom bi ksur tar-regolament 4 (1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xbieki bi ksur ta’ regolament 7 (1)(e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. ha jew ipprova jiehu jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta’ ghasafar protetti bi ksur ta’ regolament 7 (1)(i) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. zamm apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-sebregolament (1) ta’ regolament 7 ta’ l-A.L. 79 tal-2006 u cioe’ xbieki u lixki ta’ ghasafar protetti, bi ksur ta’ regolament 7(2) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

5. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur meta ma kellux fuqu l-licenzja adatta ghal dik l-attivita’ mahruga lilu taht ir-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006) bi ksur ta’ regolament 12 (1); 13 u 16 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

6. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur waqt l-istagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar bi ksur ta’ regolament 18 (1)(c) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

7. akkuzat talli sar recediv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell wahda datata 06.04.2001 (Imhallef Dr. Noel Arrigo) ohra datata 25.08.2008 (Prim Imhallef Dr. V. DeGeatano) u ohra datata 23.03.2006 (Magt Dr. C. Scerri Herrera) liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 (3) ta’ l-A.L. 79 ta’ l-2006 hekk kif emendat,

tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta’ kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti ta’ l-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta’ l-2006 hekk kif emendat;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed jirrikunsidra l-istess;

Ghaldaqstant fuq ammissjoni, il-Qorti wara li rat r-Regolamenti 4(1)(a), 7(1)(e), 7(1)(i), 7(2), 12(1), 13, 16, 18(1)(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 u kif ukoll Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa kumplessiva ta’ elf u hames mitt ewro (€1,500.00) li ghandha tithallas f’rati mensili ta’ hamsa u sebghin ewro (€75) bl-ewwel pagament dovut fl-ahhar ta’ Dicembru 2011;

Inoltre l-Qorti tordna l-konfiska tad-dokument JX 1.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------